# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT Dr Michael Mallia LL.D.

**Seduta tal-lum il-Hamis 8 ta' Gunju 2000**

Citazzjoni numru 225/99MM

Emmanuel u Adriana konjugi Camilleri

-vs-

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew illi l-Att ta' Twelid numru hames mija u disgha u erbghin ta' l-elf disa' mija u hamsa u hamsin (549/1955) datat disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru ta' dik is-sena relattiv ghat-twelid ta' l-attrici huwa skorrett billi fl-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonni intestati "Ismijiet moghtija" u "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi imsejha" l-ismijiet hemm indikati bhala "Andreana" huma skorretti u minflok ghandhom ikunu "Adriana" (Dokument "A".)

Illi l-Att taz-Zwieg numru mitejn u wiehed u ghoxrin ta' l-elf disa' mija u disgha u sebghin (221/1979) datat tmintax (18) ta' Dicembru ta' dik is-sena u relattiv ghaz-zwieg ta' bejn l-atturi huwa wkoll skorrett billi fil-parti relattiva ghat-"Tghrif dwar il-mara" il-kolonna intestata "Isem u kunjom" l-isem "Andreana" huwa wkoll skorrett u minflok ghandu jkun "Adriana" (dokument "B");

Illi l-Att ta' Twelid numru mija u sbatax ta' l-elf disa' mija u tlieta u disghin (117/1993) datat tnax (12) ta' April ta' dik is-sena u relattiv ghat-twelid ta' bint l-atturi, Louisiana, huwa wkoll skorrett billi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar l-omm" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" l-isem hemm indikat bhala "Andreana" huwa skorrett u minflok ghandu jkun "Adriana", (Dokument "C").

Illi l-attrici ilha minn twelidha maghrufa bl-isem "Adriana" u dan kif kkonfermat anke mic-certifikati tat-twelid numru mitejn u wiehed u ghoxrin ta' l-elf disa' mija u wiehed u tmenin (221/1981) u tliet mija u

disgha ta'  l-elf disa' mija u tmienja u tmenin (309/1988) li kopja taghhom tinsab annessa bhala Dokument "D" u "E".

Illi l-atturi jridu li dawn l-atti  jigu korretti.

Jghidu ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Previa d-dikjarazzjoni li l-Att tat-Twelid ta' l-attrici numru hames mija u disgha u erbghin ta' l-elf disa' mija u hamsa u hamsin (549/1955) huwa skorrett, tordna l-korrezzjoni ta' l-istess billi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar it-Tarbija' fil-kolonni intestati "Ismijiet moghtija" u "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" l-isem "Andreana" jigi mibdul bl-isem "Adriana".

2. Previa d-dikjarazzjoni li l-Att taz-Zwieg numru mitejn u wiehed u ghoxrin ta' l-elf disa' mija u disgha u sebghin (221/1979) huwa skorrett, tordna l-korrezzjoni ta' l-istess billi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar il-mara" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" l-isem "Andreana" jigi sostitwit b'"Adriana".

3. Previa d-dikjarazzjoni li l-Att ta' Twelid numru mija u sbatax ta' l-elf disa' mija u tlieta u disghin (117/1993) huwa wkoll skorrett tordna l-korrezzjoni ta' l-istess billi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar l-Omm" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" l-isem "Andreana" jigi mibdul bl-isem "Adriana".

Bl-ispejjez.  Il-konvenut huwa mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u sodisfacenti skond il-ligi.

2. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess atturi debitament ikkonfermata  mill-attrici skond il-ligi.

Rat ukoll ic-certifikati  tat-twelid u taz-zwieg   annessi mac-citazzjoni.

Semghet lill-attrici fis-seduta tal-lum stess.

Il-Qorti;

Ghalhekk wara li semghet lill-attrici;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawza;

Billi ghalhekk jirrizulta illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici u tordna l-korrezzjoni ta' l-**Att tat-Twelid** ta' l-attrici numru hames mija u disgha u erbghin ta' l-elf disa' mija u hamsa u hamsin (**549/1955**) fis-sens illi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar it-Tarbija" fil-kolonni intestati "Ismijiet moghtija" u "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" l-ismijiet hemm indikati bhala "Andreana" ghandhom jigu sostitwiti bl-isem **"Adriana".**

Tordna l-korrezzjoni fl-**Att taz-Zwieg** numru mitejn u wiehed u ghoxrin ta' l-elf disa' mija u disgha u sebghin (**221/1979**) fis-sens illi fil-parti relattiva ghat-"Taghrif dwar il-mara" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" l-isem "Andreana" jigi sostitwit bl-isem **"Adriana".**

Tordna ukoll il-korrezzjoni fl-**Att ta' Twelid** numru mija u sbatax ta' l-elf disa' mija u tlieta u disghin (**117/1993**) fis-sens illi fil-parti relattiva ghat-"Taghruf dwar l-omm" fil-kolonna intestata "Isem u kunjom" l-isem "Andreana" jigi mibdul bl-isem "**Adriana**".

In vista tan-natura ta' din il-kawza, m'ghandux ikun hemm spejjez.

(ft.) Michael Mallia
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur